Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2024/2051(INI)

01.04.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar baġit imġedded fit-tul għall-Unjoni f'dinja li qed tinbidel
(2024/2051(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Damian Boeselager

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej :

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni -1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Nru 85/2025 ta' Frar 2025 bit-titolu "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni" (COM(2025)0085),

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– *wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"* (COM(2019)0640) u l-Ftehim ta' Pariġi, adottat fit-***12*** ta' Diċembru 2015 fil-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima,

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Antwerp għal Ftehim Industrijali Ewropew, iffirmata fl-20 ta' Frar 2024,

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 bit-titolu "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)0030),

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proċedura ta' kwittanza u s-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapporti annwali tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE,

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025 dwar id-difiża Ewropea,

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddefinixxi s-suq intern bħala ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi, t-tkabbir fl-Ewropa jinsab wara reġjuni oħra tad-dinja; billi d-distakk bejn il-prodott domestiku gross (PDG) tal-Istati Uniti u dak tal-UE kiber minn 17 % fl-2002 għal 30 % fl-2023;

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-infiq permezz tal-baġit tal-Unjoni, jekk ikun immirat b'mod effettiv, allinjat mal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u kkoordinat mal-infiq fil-livell nazzjonali, jgħin biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku u biex tingħata spinta lill-impatt ġenerali tal-investiment pubbliku; billi l-investiment pubbliku ***huwa essenzjali*** biex ***jinċentiva l-investiment privat***;	C. billi l-infiq permezz tal-baġit tal-Unjoni, jekk ikun immirat b'mod effettiv, allinjat mal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u kkoordinat mal-infiq fil-livell nazzjonali, jgħin biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku u biex tingħata spinta lill-impatt ġenerali tal-investiment pubbliku; billi l-investiment pubbliku***, jekk jintuża b'mod effiċjenti u mmirat, għandu jservi bħala katalizzatur għall-inċentivar tal-investiment privat u għandu jimla l-lakuni fl-investiment,*** biex ***l-Unjoni tkun tista' terġa' tikseb il-pożizzjoni ewlenija tagħha***;

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-iżblokkar tal-investiment privat fl-Unjoni għadu prijorità; billi t-tlestija tal-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti hija kruċjali għall-mobilizzazzjoni tal-investiment privat, b'mod partikolari l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq għall-investituri bl-imnut, l-indirizzar tal-frammentazzjoni tas-suq intern, it-titjib tal-aċċess għall-

	finanzjament tal-ekwità għan-negozji Ewropej u l-appoġġ tal-istrateġija industrijali tal-UE;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-istrument għall-irkupru Next Generation EU (NGEU) ***stabbilit wara l-pandemija tal-COVID-19 ippermetta kapaċità*** ta' investiment ***addizzjonali sinifikanti*** ta' EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018, ***li*** wassal għal irkupru rapidu u ritorn għat-tkabbir u ***appoġġa*** t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; billi n-Next Generation EU mhux se jkun fis-seħħ wara l-2027;	D. billi l-istrument għall-irkupru Next Generation EU (NGEU)***, b'kapaċità*** ta' investiment ***ta' darba*** ta' EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018, ***ġie stabbilit wara l-pandemija tal-COVID-19 u ppermetta investiment addizzjonali u riformi, u*** wassal għal irkupru rapidu u ritorn għat-tkabbir u ***appoġġja*** t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; billi n-Next Generation EU mhux se jkun fis-seħħ wara l-2027; ***billi l-ħlas lura tad-dejn tan-Next Generation EU għandu jibda mill-2028;***

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għandha rwol biex tagħti spinta lill-investiment fl-UE kollha, u ttaffi l-effetti ta' reċessjoni billi żżomm livelli sustanzjali ta' investiment pubbliku; billi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija strument temporanju li se jiskadi fl-2026; billi huwa meħtieġ dibattitu f'waqtu biex jiġu żgurati livelli xierqa ta' investiment pubbliku lil hinn mill-2026 biex jiġu ffinanzjati b'mod adegwat il-prijoritajiet komuni tal-UE u biex jiġu żgurati riformi kontinwi;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-baġit tal-Unjoni***, imsaħħaħ min-Next*** Generation EU***, kien*** strumentali biex ***itaffi*** l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19 u biex ***jirreaġixxi*** għall-effetti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi l-baġit tal-Unjoni għadu mhux mgħammar biżżejjed, f'termini ta' daqs, struttura u regoli, biex jaqdi bis-sħiħ ir-rwol tiegħu fl-aġġustament għall-ħtiġijiet ta' ***nfiq*** li qed jevolvu, fl-indirizzar tax-xokkijiet u fir-rispons għall-kriżijiet ***u*** fl-għoti ta' effett prattiku lill-prinċipju tas-solidarjetà;	E. billi l-baġit tal-Unjoni ***u n-Next*** Generation EU ***kienu*** strumentali biex ***itaffa*** l-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19 u biex ***ingħata rispons*** għall-effetti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi l-baġit tal-Unjoni għadu mhux mgħammar biżżejjed, f'termini ta' daqs, struttura u regoli, biex jaqdi bis-sħiħ ir-rwol tiegħu fl-aġġustament għall-ħtiġijiet ta' ***riformi u ta' investiment*** li qed jevolvu, fl-indirizzar tax-xokkijiet u fir-rispons għall-kriżijiet***,*** fl-għoti ta' effett prattiku lill-prinċipju tas-solidarjetà ***u, b'mod partikolari, fl-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà Ewropea li qed jikber u l-obbligi tad-difiża li qed jiżdiedu b'ritmu mgħaġġel***;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi, f'xenarju tas-sigurtà Ewropea li qed jinbidel b'rata mgħaġġla, il-baġit tal-UE jrid jinkludi d-difiża bħala prijorità ċara, li tirrifletti l-valur miżjud tal-UE li tappoġġja għalkollox lill-Istati Membri fit-twettiq tal-impenji reċiproċi tagħhom fir-rigward tad-difiża b'mod effettiv, f'konformità mal-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi, mindu ġie adottat il-qafas	F. billi, mindu ġie adottat il-qafas

finanzjarju pluriennali (QFP) attwali, ***il-kuntest*** politiku, ekonomiku u soċjali nbidel ***lil hinn mir-rikonoxximent***, ***filwaqt li aggrava*** l-isfidi strutturali sottostanti għall-Unjoni u wassal għal reviżjoni sostanzjali tal-QFP fl-2024;	finanzjarju pluriennali (QFP) attwali, ***kriżijiet multipli, bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, enfasizzaw il-ħtieġa għall-flessibbiltà sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjoekonomiċi serji; billi jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li l-kuntest*** politiku, ***ambjentali,*** ekonomiku u soċjali nbidel ***b'mod li lanqas għadu jintagħraf***, ***u żied*** l-isfidi strutturali sottostanti għall-Unjoni u wassal għal reviżjoni sostanzjali tal-QFP fl-2024;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-kuntest li fih il-Kummissjoni se tħejji l-proposti tagħha għall-QFP ta' wara l-2027 huwa daqstantieħor ta' sfida, fejn l-ordni globali u ***ġeopolitika stabbilita*** qed ***tinbidel*** malajr u radikalment u l-baġit tal-Unjoni jeħtieġ jinbidel ***kif meħtieġ***;	G. billi l-kuntest li fih il-Kummissjoni se tħejji l-proposti tagħha għall-QFP ta' wara l-2027 huwa daqstantieħor ta' sfida, fejn l-ordni globali u ***ġeopolitiku stabbilit*** qed ***jinbidel*** malajr u radikalment***, is-sostenibbiltà tal-pjaneta għadha element ta' tħassib ewlieni, l-UE qed tħabbat wiċċha ma' ħtiġijiet finanzjarji annwali li kulma jmur qed jikbru, kif sottolinjat fir-rapport Draghi,*** u l-baġit tal-Unjoni jeħtieġ jinbidel ***skont dan***;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi d-Dikjarazzjoni ta' Budapest tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar il-ftehim Ewropew il-ġdid dwar il-kompetittività impenjat lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha biex jilħqu l-objettiv li jonfqu mill-anqas 3 % tal-PDG tal-Unjoni fuq ir-riċerka u l-iżvilupp sal-2030, objettiv stabbilit għall-ewwel darba għall-2010 fl-

ambitu tal-Istrateġija ta' Liżbona;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-rapport tagħha tal-2024, ikkonkludiet li r-rata ta' żball għall-infiq tal-UE żdiedet għal 5.6 % tal-baġit ġenerali;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi l-baġit tal-UE jeħtieġ li jirrispetta l-objettivi soċjoekonomiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hd. billi r-rapport Letta ppropona mekkaniżmu ta' kontribuzzjoni għall-għajnuna mill-Istat;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa He (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	He. billi l-benesseri tal-familji u tal-individwi għandu jinżamm bħala l-

	prinċipju gwida ċentrali fl-aspetti kollha tal-baġit tal-Unjoni;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hf. billi l-Kummissarju Valdis Dombrovskis għandu l-kompitu li jimplimenta r-rieżami tas-sistema tal-kontijiet nazzjonali, biex jiġi integrat aħjar it-tħassib dwar il-benesseri u s-sostenibbiltà;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li l-baġit fit-tul ta' wara l-2027 irid jitfassal u jkollu r-riżorsi sabiex l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-objettivi ta' politika tagħha, tindirizza l-isfidi dejjem akbar li qed tiffaċċja, timmaniġġja u tħallas lura d-dejn tagħha b'mod sostenibbli, tirrispondi għal xokkijiet u kriżijiet u taġġusta għall-ħtiġijiet ta' nfiq li qed jevolvu;	1. Jissottolinja li l-baġit fit-tul ta' wara l-2027 irid jitfassal u jkollu r-riżorsi sabiex l-Unjoni tkun tista' ***tinvesti b'mod adegwat, tinċentiva l-investiment pubbliku u*** tilħaq l-objettivi ta' politika tagħha, ***issaħħaħ il-kompetittività tagħha fil-livell internazzjonali,*** tindirizza l-isfidi dejjem akbar li qed tiffaċċja, timmaniġġja u tħallas lura d-dejn tagħha b'mod sostenibbli, tirrispondi għal xokkijiet u kriżijiet u taġġusta għall-ħtiġijiet ta' nfiq li qed jevolvu; ***ifakkar li l-QFP u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) jammontaw għal kważi EUR 2 triljuni għall-perjodu attwali u li r-rati għoljin ta' inflazzjoni naqqsu l-impatt tal-infiq tal-UE; jitlob li d-daqs tal-baġit ta' wara l-2027 jindirizza b'mod suffiċjenti d-diskrepanza sinifikanti fl-investiment identifikata fir-rapport Draghi;***

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jisħaq li l-infiq kollu fil-QFP ta' wara l-2027 irid ikun allinjat b'mod strateġiku mal-għanijiet politiċi tal-UE, filwaqt li jżid valur tanġibbli għan-nies tal-Unjoni, b'benefiċċji netti viżibbli meta mqabbel mal-infiq fil-livell nazzjonali jew sottonazzjonali u jwassal għal riżultati reali u dejjiema;	2. Jisħaq li l-infiq kollu fil-QFP ta' wara l-2027 irid ikun allinjat b'mod strateġiku mal-għanijiet politiċi tal-UE ***tal-kompetittività sostenibbli u r-reżiljenza***, filwaqt li jżid valur tanġibbli għan-nies tal-Unjoni, b'benefiċċji netti viżibbli meta mqabbel mal-infiq fil-livell nazzjonali jew sottonazzjonali u jwassal għal riżultati reali u dejjiema; ***jitlob, b'mod partikolari, li l-finanzjament tal-beni pubbliċi Ewropej komuni jingħata prijorità fl-oqsma ta' politika fejn il-forniment pubbliku huwa aktar effiċjenti fil-livell tal-UE bħala riżultat tal-ekonomiji ta' skala, u b'hekk jiġi ġġenerat iffrankar għall-kontribwenti tal-UE;***

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-QFP ta' wara l-2027 irid isir ukoll aktar sempliċi u aktar trasparenti u jkun protett kontra l-użu ħażin, il-frodi u l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-valuri tal-Unjoni;	3. Jenfasizza li l-QFP ta' wara l-2027 irid isir ukoll aktar sempliċi u aktar trasparenti u jkun protett kontra l-użu ħażin, il-frodi u l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-valuri tal-Unjoni***, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapporti suċċessivi tagħha***;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza l-importanza li jinżamm il-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-QFP li jmiss; jitlob li jiġu esplorati dawk l-oqsma

	ta' politika fejn l-infiq pubbliku huwa aktar effiċjenti fil-livelli nazzjonali u sottonazzjonali;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jissottolinja li QFP aktar sempliċi u aktar flessibbli jirrikjedi obbligu ta' rendikont parlamentari aktar robust;	4. Jissottolinja li QFP aktar sempliċi u aktar flessibbli jirrikjedi ***trasparenza suffiċjenti u*** obbligu ta' rendikont parlamentari aktar robust; ***jissottolinja l-ħtieġa li kwalunkwe bagit futur jirrispetta għalkollox ir-rwol tal-Parlament bħala awtorità baġitarja u d-drittijiet ta' kodeċiżjoni tiegħu, kif definiti fit-Trattati, fir-rigward tat-tfassil, l-iskrutinju, l-allokazzjoni u l-evalwazzjoni tal-baġit; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-parlamenti nazzjonali għandhom jingħataw is-setgħa li jwettqu r-rwol ta' sorveljanza tagħhom u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li jżommu lill-eżekuttiv responsabbli meta jieħu impenji mal-UE; jissottolinja, barra minn hekk, il-ħtieġa li tiżdied is-sorveljanza parlamentari fuq il-proċess tas-Semestru Ewropew, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati;***

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Ifakkar li ċ-ċittadini tal-UE jeħtiġilhom ikunu jistgħu jiddependu fuq dawk li jimplimentaw il-baġit tal-UE li jinfurmawhom dwar kif intefqu l-fondi u kif intlaħqu l-objettivi; ifakkar li t-trasparenza hija essenzjali biex tinżamm il-fiduċja taċ-ċittadini, u li l-frodi u l-użu ħażin tal-fondi huma estremament detrimentali għal dik il-fiduċja; jistieden

	lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi sodi kontra l-frodi fl-istrumenti kollha ta' finanzjament għall-QFP ta' wara l-2027, biex tkun żgurata l-protezzjoni tal-baġit tal-UE;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Huwa konvint li t-tisħiħ tal-kompetittività, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u ***t-tisħiħ*** tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni huma prijoritajiet ċentrali għall-QFP ta' wara l-2027 u huma vitali biex jiġi żgurat tkabbir fit-tul, sostenibbli u inklużiv u ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti;	6. Huwa konvint li t-tisħiħ tal-kompetittività, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija***, it-tisħiħ tas-sigurtà*** u ***d-difiża tagħna, it-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali, reġjonali u soċjali, it-tisħiħ*** tal-kapaċità tal-innovazzjoni ***u d-diġitalizzazzjoni*** tal-Unjoni huma prijoritajiet ċentrali għall-QFP ta' wara l-2027 u huma vitali biex jiġi żgurat tkabbir fit-tul, sostenibbli***, ekoloġiku*** u inklużiv u ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti; ***jirrimarka, madankollu, li dawn il-prijoritajiet ma jistgħux jinkisbu permezz tal-infiq addizzjonali biss;***

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja li, kif spjegat fir-rapporti Letta u Draghi, ***l-ekonomija*** u ***l-mudell*** soċjali ***Ewropej jinsabu*** taħt pressjoni qawwija, fejn il-lakuna fil-produttività, fil-kompetittività u fil-ħiliet ikollha effetti indiretti fuq ***il-kwalità*** tal-impjiegi u fuq l-istandards tal-għajxien għall-Ewropej li diġà qed jiffaċċjaw prezzijiet għoljin tal-akkomodazzjoni, tal-enerġija u tal-ikel; jinsab imħasseb li nuqqas ta' opportunitajiet ta' ***impjieg*** u l-għoli tal-ħajja ***jżidu*** r-riskju ta' eżodu ta' mħuħ lil hinn mill-Ewropa;	7. Jissottolinja li, kif spjegat fir-rapporti Letta u Draghi, ***il-mudell ekonomiku*** u ***soċjali Ewropew imsejjes fuq il-prinċipju ta' ekonomija*** soċjali ***tas-suq jinsab*** taħt pressjoni qawwija, fejn il-lakuna fil-produttività, fil-kompetittività u fil-ħiliet ***qed*** ikollha effetti indiretti fuq ***is-saħħa tal-ekonomija tagħna u l-kwalità*** tal-impjiegi***,*** u fuq l-istandards tal-għajxien ***u l-prosperità ekonomika u soċjali*** għall-Ewropej li diġà qed jiffaċċjaw prezzijiet għoljin tal-akkomodazzjoni, tal-enerġija u tal-ikel; jinsab imħasseb li nuqqas ta' opportunitajiet ***għall-ħolqien*** ta' ***negozji*** u

	impjiegi ġodda, kif ukoll l-għoli tal-ħajja ***u t-tnaqqis fil-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-forniment ta' servizzi ta' interess ġenerali, iżidu*** r-riskju ta' eżodu ta' mħuħ lil hinn mill-Ewropa; ***jenfasizza, barra minn hekk, li t-theddida tad-deindustrijalizzazzjoni taggrava dawn l-isfidi, u tħalli impatt negattiv fuq il-ħaddiema;***

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Ifakkar li skont ir-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti Letta u Draghi, il-Kummissarji kollha ngħataw il-kompitu, fl-ittri tal-missjoni tagħhom, li jiżguraw li r-regoli eżistenti jkunu adattati għall-iskop tagħhom u li jiffokaw fuq it-tnaqqis tal-ostakoli u l-piżijiet amministrattivi u fuq is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ebda proposta leġiżlattiva ma tiġi introdotta mingħajr valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa u verifika tal-kompetittività;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrimarka li Draghi jistma li d-diskrepanza fl-investiment annwali f'dak li jirrigwarda l-innovazzjoni u l-infrastruttura se tkun madwar EUR 750-800 biljun fis-sena bejn l-2025 u l-2030; jissottolinja li***,*** ***filwaqt li*** l-baġit tal-Unjoni ***ma jistax*** ikopri dak in-nuqqas ***waħdu***, ***irid ikollu rwol vitali***;	8. Jirrimarka li Draghi jistma li d-diskrepanza fl-investiment annwali ***privat u pubbliku*** f'dak li jirrigwarda l-innovazzjoni u l-infrastruttura se tkun madwar EUR 750-800 biljun fis-sena bejn l-2025 u l-2030; jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni ***jrid ikollu rwol vitali biex*** ikopri dak in-nuqqas***; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tistabbilixxi mira għall-finanzjament li għandu jiġi allokat għall-intrapriżi start-up u għall-SMEs; ifakkar***

	li l-għan awtoimpost tal-Kummissjoni l-ġdida huwa li tkun "Kummissjoni ta' investiment" u li tiżblokka l-finanzjament pubbliku u privat meħtieġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u soċjali, fost affarijiet oħra; ifakkar, barra minn hekk, li l-baġit tal-Unjoni għandu jkun ingranat aħjar biex isegwi l-objettivi Ewropej u tiżdied il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea; jirrikonoxxi l-valutazzjoni ta' Draghi li ħafna mill-investiment produttiv se jsir mis-settur privat u jirrimarka li l-baġit tal-Unjoni fih għodod għat-tneħħija tar-riskju u għall-ingranaġġ tal-investimenti privati;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jissottolinja l-ħtieġa ta' baġit modernizzat biex jissaħħaħ il-futur tal-awtonomija strateġika tal-Ewropa; jieħu nota tat-tħabbira tal-Kummissjoni ta' fond Ewropew għall-kompetittività biex jiġi provdut appoġġ finanzjarju lil setturi ewlenin biex jitqabblu l-ħtiġijiet ta' investiment tagħhom fl-ambitu tal-għodda għall-koordinazzjoni tal-kompetittività; ifakkar li l-fond Ewropew għall-kompetittività għandu jsegwi wkoll l-integrità tas-suq uniku; jisħaq fuq il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investiment b'valur miżjud Ewropew, bħall-proġetti transfruntiera u Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI); jissottolinja li, filwaqt li l-investiment f'teknoloġiji nodfa u strateġiċi u l-appoġġ għall-IPCEIs huma essenzjali, l-azzjonijiet immirati biex isaħħu b'mod effettiv il-kompetittività tal-Ewropa jeħtieġu approċċ komprensiv li jinkludi wkoll miżuri mmirati biex jitnaqqas id-distakk fil-ħiliet permezz tal-edukazzjoni, il-ksib (mill-ġdid) tal-kwalifiki u t-taħriġ, biex b'hekk jiġi żgurat li l-forza tax-

	xogħol Ewropea tibqa' kapaċi tadatta u lesta għall-futur; jisħaq li, sabiex il-fond ikollu impatt reali, irid ikun sostnut minn "flus ġodda" aktar milli jiddependi biss fuq ir-riallokazzjoni tar-riżorsi eżistenti;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni għandu jiffoka fuq għanijiet u objettivi strateġiċi miftiehma b'mod konġunt, u l-istruttura baġitarja għandha tiġi simplifikata biex jinkisbu skala u appoġġ biżżejjed għall-għanijiet strateġiċi u jiġi simplifikat l-aċċess għall-benefiċjarji, u jissottolinja, barra minn hekk, li l-ħolqien ta' unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti se jkun kruċjali biex jiġi kkomplementat finanzjament pubbliku aktar effiċjenti;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-baġit tal-Unjoni jrid ikun ikkoordinat bir-reqqa mal-infiq nazzjonali u mfassal b'tali mod li ***jkun jista' jneħħi*** r-riskju, jimmobilizza u jingrana l-investiment privat b'mod effettiv, filwaqt li jippermetti ***lin-negozji ġodda*** u lill-SMEs jaċċessaw il-fondi b'mod aktar faċli; jitlob, għalhekk, li programmi bħal InvestEU, li ***jiżgura*** addizzjonalità u ***jsegwi*** approċċ ibbażat fuq is-suq u mmexxi mid-domanda, jissaħħu b'mod sinifikanti fil-QFP li jmiss; iqis li l-garanziji baġitarji ***huma*** użu effettiv tar-riżorsi u jitlob li ***dawn*** jiġu ssimplifikati;	9. Jisħaq li l-baġit tal-Unjoni jrid ikun ikkoordinat bir-reqqa mal-infiq nazzjonali u mfassal b'tali mod li ***jinkludi elementi biex ineħħi*** r-riskju, jimmobilizza u jingrana l-investiment privat b'mod effettiv, filwaqt li ***jiżgura opportunitajiet ġusti għall-Istati Membri kollha, b'mod partikolari l-ekonomiji iżgħar, biex jattira l-kapital u jixpruna t-tkabbir sostenibbli, u*** jippermetti ***lill-intrapriżi start-up, lill-intrapriżi scale-up*** u lill-SMEs jaċċessaw il-fondi b'mod aktar faċli***; jirrikonoxxi l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji bħala għodod b'saħħithom biex jinkisbu l-għanijiet kritiċi tal-politika tal-UE;*** jitlob, għalhekk, li programmi bħal

	InvestEU ***u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni***, li ***jiżguraw*** addizzjonalità u ***jsegwu*** approċċ ibbażat fuq is-suq u mmexxi mid-domanda, jissaħħu b'mod sinifikanti fil-QFP li jmiss ***u li jitħallew isegwu approċċ anqas avvers għar-riskju biex verament tiġi stimulata l-innovazzjoni sabiex tinbena l-ekosistema Ewropea tal-kapital ta' riskju***; iqis li l-garanziji baġitarji ***jistgħu jkunu*** użu effettiv tar-riżorsi u jitlob li jiġu ssimplifikati ***u razzjonalizzati, u li jitnaqqsu l-kumplessità u l-pożijiet bla bżonn għall-benefiċjarji u s-sħab implimentattvi***;

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinsisti li, fil-QFP li jmiss, jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi massimizzat il-potenzjal tar-rwol tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment – flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u nazzjonali oħra – fejn jidħol is-self f'oqsma strateġiċi ta' politika, ***bħall-klima u***, ***tal-aħħar***, ***għal proġetti*** ta' ***difiża b'użu doppju***;	10. Jinsisti li, fil-QFP li jmiss, jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi massimizzat il-potenzjal tar-rwol tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment ***(BEI)*** – flimkien ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u nazzjonali oħra – fejn jidħol is-self f'oqsma strateġiċi ta' politika ***taħt il-mandat tal-BEI; jitlob***, ***f'dan ir-rigward***, ***sħubija ta' investiment imsaħħa biex jiġi żgurat li kull euro jintuża bl-aktar mod effiċjenti fil-livell Ewropew; jilqa' f'dak ir-rigward, it-tnedija fit-13 ta' Frar 2023 tal-Inizjattiva taċ-Champions Ewropej tat-Teknoloġija, li tipprovdi kapital tat-tkabbir fi stadju avvanzat lill-innovaturi Ewropej; jenfasizza l-fatt li l-instabbiltà severa tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali tirrikjedi li l-aċċess tal-industrija tad-difiża għall-finanzjament privat jissaħħaħ, permezz tal-BEI, fost korpi oħra, mingħajr ma jintilef l-istatus AAA; jenfasizza r-rwol kruċjali li żvolġa l-BEI, b'mod partikolari fl-indirizzar ta'oqsma fejn il-finanzjament privat huwa nieqes, u jitlob li jiżdied l-aptit tiegħu li jissogra u li jiżdiedu l-isforzi tiegħu, speċjalment fil-**

qasam tal-kapital ta' riskju;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-proposti leġiżlattivi biex titlesta l-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti u l-unjoni bankarja; jinnota l-importanza ta' aktar finanzjament għal-litteriżmu finanzjarju fl-Unjoni bħala mod kif jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-UE jkollhom l-għarfien u l-ħiliet li jeħtieġu biex jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji tajbin;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li l-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jiżdied b'mod sinifikanti, għandu jkun iffukat fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u għandu jkompli jiġi ddeterminat mill-prinċipju tal-eċċellenza; iqis li għandu jkun hemm biżżejjed riżorsi fil-QFP u fil-livell nazzjonali biex jiġu ffinanzjati l-proġetti kollha ta' kwalità għolja;	11. ***Jenfasizza li d-distakk fl-innovazzjoni huwa l-għeruq tat-tnaqqis fir-ritmu tat-tkabbir tal-produttività tal-Unjoni;*** jenfasizza li l-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jiżdied b'mod sinifikanti, għandu jkun iffukat fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u għandu jkompli jiġi ddeterminat mill-prinċipju tal-eċċellenza; iqis li għandu jkun hemm biżżejjed riżorsi fil-QFP u fil-livell nazzjonali biex jiġu ffinanzjati l-proġetti kollha ta' kwalità għolja***, inkluż sħubiji pubbliċi-privati; jipproponi l-istabbiliment ta' unità sperimentali b'finanzjament rapidu għall-ittestjar ta' programmi u strumenti innovattivi; jappella, f'dan ir-rigward, li l-programmi ta' riċerka u żvilupp fi ħdan il-fond għall-kompetittività jingħataw awtonomija akbar b'aktar sorveljanza esperta***;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li l-QFP li jmiss għandu jinkludi finanzjament ħafna akbar għall-enerġija, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, u għandha tingħata prijorità lill-konnessjonijiet transfruntiera u l-konnessjonijiet nazzjonali b'valur miżjud Ewropew; iqis li infrastruttura bħal din timxi id f'id ma' approfondiment tas-suq uniku;	12. Jisħaq li l-QFP li jmiss għandu ***jalloka aħjar u*** jinkludi finanzjament ħafna akbar għall-enerġija, it-trasport***, id-difiża*** u l-infrastruttura diġitali, u għandha tingħata prijorità lill-konnessjonijiet transfruntiera u l-konnessjonijiet nazzjonali b'valur miżjud Ewropew***; jitlob allokazzjoni fissa mill-baġit tal-UE sabiex tkun iddedikata għall-infrastruttura pubblika transfruntiera***; iqis li infrastruttura bħal din timxi id f'id ma' approfondiment tas-suq uniku;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jenfasizza l-ħtieġa li l-investiment fl-infrastruttura jqis ukoll is-sitwazzjoni ġeopolitika mibdula u għalhekk il-ħtieġa għal finanzjament tal-UE biex jiġu appoġġjati l-isforzi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kemm tal-infrastruttura l-ġdida kif ukoll ta' dik eżistenti;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Iqis li l-Unjoni ***jeħtieġ*** tiżviluppa qafas ta' kompetittività f'konformità mal-valuri u l-għanijiet politiċi tagħha stess ***u li l-kompetittività għalhekk jeħtieġ tinftiehem bħala li tinkludi mhux biss it-tkabbir*** ekonomiku, ***iżda wkoll il-koeżjoni*** soċjali, ***ekonomika*** u territorjali u ***s-***	13. Iqis li l-Unjoni ***jeħtiġilha*** tiżviluppa qafas ta' kompetittività f'konformità mal-valuri u l-għanijiet politiċi tagħha stess***, li jissodisfa l-ambizzjonijiet tas-suq intern, kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jaħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa bbażat fuq***

sostenibbiltà ambjentali;	***tkabbir*** ekonomiku ***bbilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet***, ***ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, jimmira lejn impjieg sħiħ u progress*** soċjali, ***livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent*** u ***titjib fil-kwalità tiegħu, kif ukoll koeżjoni*** territorjali***; jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pajjiżi*** u ***r-reġjuni hija essenzjali biex jintlaħqu dawn l-objettivi, jitrawmu s-sinerġiji, u jiġi żgurat żvilupp bilanċjat u sostenibbli fl-Unjoni kollha***;

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza li, sabiex tikkompeti ma' atturi globali ewlenin oħra, l-ekonomija Ewropea trid issir ukoll aktar kompetittiva u reżiljenti f'dak li jirrigwarda n-naħa tal-provvista billi tinvesti aktar fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni permezz ta' politika industrijali msaħħa, b'enfasi fuq setturi strateġiċi u teknoloġiji kritiċi, biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi terzi;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja li ekonomija aktar kompetittiva, produttiva u soċjalment inklużiva tgħin biex jiġu ġġenerati impjiegi ta' kwalità għolja u mħallsa tajjeb, u b'hekk ittejjeb l-istandard tal-għajxien ***tan-nies***; jenfasizza li, permezz ta' programmi bħall-Fond Soċjali Ewropew+ u Erasmus+, il-baġit tal-Unjoni jista' jkollu rwol importanti fl-appoġġ tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fit-tisħiħ tal-	14. Jissottolinja li ekonomija aktar kompetittiva, produttiva***, sostenibbli*** u soċjalment inklużiva tgħin biex jiġu ġġenerati impjiegi ta' kwalità għolja u mħallsa tajjeb, u b'hekk ittejjeb ***il-benesseri tan-nies u*** l-istandard tal-għajxien ***tagħhom***; jenfasizza li, permezz ta' programmi bħall-Fond Soċjali Ewropew+ u Erasmus+, il-baġit tal-Unjoni jista' jkollu rwol importanti fl-appoġġ tas-

adattabbiltà tal-forza tax-xogħol permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, u b'hekk iħejji lin-nies għall-impjiegi f'ekonomija moderna;	sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fit-tisħiħ tal-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, u b'hekk iħejji lin-nies għall-impjiegi f'ekonomija moderna; ***jenfasizza l-ħtieġa għal inizjattivi mmirati ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema f'setturi li jinsabu fi kriżi, bħall-industrija tal-karozzi, biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u jiġu prevenuti t-telf ta' impjiegi fuq skala massiva u d-deindustrijalizzazzjoni fl-Ewropa; jissottolinja l-importanza tat-tagħlim għall-adulti u jħeġġeġ lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jinċentivaw lill-kumpaniji biex jallokaw riżorsi għat-taħriġ;***

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jisħaq li, sabiex tikkompeti ma' atturi globali ewlenin oħra, l-ekonomija Ewropea trid issir ukoll aktar kompetittiva u reżiljenti f'dak li jirrigwarda l-provvista billi tinvesti aktar fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni permezz ta' politika industrijali ***msaħħa*** u ***permezz*** ta' ***enfasi fuq*** setturi strateġiċi u teknoloġiji kritiċi biex titnaqqas id-dipendenza ***minn*** pajjiżi terzi;	16. Jisħaq li, sabiex tikkompeti ma' atturi globali ewlenin oħra ***u ttejjeb il-ħila tal-kumpaniji Ewropej li jikkompetu fis-swieq dinjija***, l-ekonomija ***tas-suq soċjali*** Ewropea trid issir ukoll aktar kompetittiva***, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiva*** u reżiljenti f'dak li jirrigwarda l-provvista billi ***tlesti l-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti u*** tinvesti aktar fl-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni permezz ta' politika industrijali ***integrata, koordinata, immirata*** u ***orizzontali, li hija vitali biex jiżdiedu l-investimenti fil-kapaċità*** ta' ***innovazzjoni tal-UE, bejn*** setturi strateġiċi u teknoloġiji kritiċi***,*** biex titnaqqas id-dipendenza ***fuq*** pajjiżi terzi***, kif enfasizzat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Industrijali Nadif; jissottolinja li tali politiki għandhom jiġu segwiti filwaqt li jitqiesu l-bilanċi reġjonali fl-UE u f'konformità mal-politika tal-kompetizzjoni, biex jiġu evitati ostakli għad-dħul fis-suq***;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jissottolinja li l-kompetittività tirrikjedi bidla urġenti fil-politika lejn industriji ġodda u l-innovazzjoni, li jagħmlu lill-UE post aktar attraenti għan-negozju, li se jkollhom bżonn jibnu fuq aċċess akbar għall-ideat, il-kapital u t-talent kif ukoll infrastruttura diġitali u fiżika mtejba, amministrazzjoni effiċjenti, regoli stretti tal-kompetizzjoni, u kummerċ internazzjonali;

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Ifakkar b'mod partikolari l-isfidi reġjonali, ekonomiċi, soċjali u tas-sigurtà li reġjuni speċifiċi tal-UE huma suxxettibbli għalihom; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ valutazzjoni tal-impatt dwar l-iżvilupp ta' indikaturi alternattivi għall-allokazzjoni ta' finanzjament ewlieni fl-ambitu tal-QFP li jmiss li tqis dan; iqis li hemm il-bżonn ta' dibattitu dwar il-ħolqien ta' finanzjament apposta mmirat biex ipatti għall-iżvantaġġi ekonomiċi li jiffaċċjaw iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE abbażi tal-aċċess ġeografiku tagħhom għas-suq uniku tal-UE;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinnota li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kellha konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sostanzjali, b'mod partikolari fl-Istati Membri li jmissu mar-Russja; jinsisti li l-QFP li jmiss jipprovdi appoġġ lil dawn ir-reġjuni;	20. Jinnota li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kellha konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sostanzjali ***fit-tul***, b'mod partikolari fl-Istati Membri li jmissu mar-Russja ***u mal-Belarus***; jinsisti li l-QFP li jmiss jipprovdi appoġġ ***lill-Ukrajna u*** lil dawn ir-reġjuni***, inkluż biex tiġi promossa s-sigurtà permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura (inkluż infrastruttura b'użu doppju) u jittejbu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-investiment u għal ambjent tan-negozju vibranti; iqis, barra minn hekk, li l-QFP għandu jrawwem, addizzjonalment, l-integrazzjoni tal-Ukrajna fis-suq intern tal-UE; jenfasizza, bl-istess mod, is-sitwazzjonijiet diffiċili, bħall-kriżi li għaddejja fil-Lvant Nofsani, li jolqtu l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Unjoni, speċjalment fl-Istati Membri fil-qrib, u jinsisti li l-QFP li jmiss iqis dan u jappoġġja lil dawn ir-reġjuni wkoll***;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tranżizzjoni ekoloġika u ***dik diġitali***	***It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali*** u ***soċjali***

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u ***diġitali*** huma marbuta b'mod inseparabbli mal-kompetittività, mal-modernizzazzjoni tal-ekonomija u mar-reżiljenza tas-soċjetà u li, għalhekk, il-QFP ta' wara l-2027 irid ikompli jappoġġja ***t-***	21. Jenfasizza li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi***, diġitali*** u ***soċjali*** huma marbuta b'mod inseparabbli mal-kompetittività, mal-modernizzazzjoni tal-ekonomija u mar-reżiljenza tas-soċjetà u li, għalhekk, il-QFP ta' wara l-2027 irid ikompli jappoġġja

tranżizzjoni doppja;	***lil dawn it-tranżizzjonijiet, biex tiġi żgurata t-tmexxija tal-UE fl-innovazzjoni sostenibbli u diġitali, fost oqsma oħra; jinnota li l-progress ekonomiku ma jistax jitkejjel sempliċiment f'termini ta' tkabbir ekonomiku***;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Ifakkar li l-Unjoni hija impenjata li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, li tirrikjedi dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użu ta' teknoloġiji nodfa, infrastruttura mtejba tal-enerġija u tat-trasport u akkomodazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jinnota li l-Kummissjoni tistma li huwa meħtieġ investiment addizzjonali biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 b'1.5 % tal-PDG fis-sena meta mqabbel mal-għaxar snin 2011-2020 u li, filwaqt li l-baġit tal-Unjoni waħdu ma jistax ikopri d-distakk, dan irid jibqa' kontributur vitali;	22. Ifakkar li l-Unjoni hija impenjata li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, li tirrikjedi dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użu ta' teknoloġiji nodfa, infrastruttura mtejba tal-enerġija u tat-trasport u akkomodazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jinnota li l-Kummissjoni tistma li huwa meħtieġ investiment addizzjonali biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 b'1.5 % tal-PDG fis-sena meta mqabbel mal-għaxar snin 2011-2020 u li, filwaqt li l-baġit tal-Unjoni waħdu ma jistax ikopri d-distakk, dan irid jibqa' kontributur vitali ***u jkun ingranat aħjar biex ikun jista' jikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex jiġi kopert id-distakk***;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. ***Ifakkar*** li s-sigurtà ***hija l-pedament*** għall-prosperità u l-mudell soċjali tal-Unjoni u li l-QFP li jmiss irid ***jinvesti*** b'mod sinifikanti ***fis-salvagwardja tal-Unjoni*** kontra ***l-bosta theddidiet*** li tiffaċċja;	25. ***Jenfasizza*** li ***l-paċi u*** s-sigurtà ***huma fundamentali*** għall-prosperità u l-mudell soċjali tal-Unjoni***,*** u li l-QFP li jmiss irid ***iżid l-investiment tiegħu*** b'mod sinifikanti ***biex jissalvagwardja l-Unjoni*** kontra ***l-għadd kbir ta' theddid*** li tiffaċċja***, u biex jappoġġja lill-Istati Membri biex iwettqu b'mod effettiv l-impenji tad-difiża reċiproċi tagħhom skont l-Artikolu 42(7)***

tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jissottolinja li, kif jidher biċ-ċar fir-rapport Niinistö, l-ordni globali frammentat, l-avvenimenti estremi tat-temp dejjem aktar frekwenti u intensi, it-theddida għas-sigurtà ppreżentata mir-Russja, it-tensjonijiet li qed jikbru globalment, il-kampanji ibridi, li jinkludu attakki ċibernetiċi, manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin, diżinformazzjoni u interferenza u l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni, u t-theddid għas-saħħa flimkien qed ikabbru l-instabbiltà u jżidu l-vulnerabbiltà tal-Unjoni;	26. Jissottolinja li, kif jidher biċ-ċar fir-rapport Niinistö, l-ordni globali frammentat, l-avvenimenti estremi tat-temp dejjem aktar frekwenti u intensi, it-theddida għas-sigurtà ppreżentata mir-Russja ***u l-Belarussja***, it-tensjonijiet li qed jikbru globalment, il-kampanji ibridi, li jinkludu attakki ċibernetiċi, manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin, diżinformazzjoni u interferenza u l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni, u t-theddid għas-saħħa flimkien qed ikabbru l-instabbiltà u jżidu l-vulnerabbiltà tal-Unjoni;

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinnota li, skont il-President tal-Kummissjoni, id-distakk fl-infiq għad-difiża bħalissa huwa ta' EUR 500 biljun għad-deċennju li jmiss; jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni waħdu ma jistax jimla dan id-distakk, iżda ***għandu*** rwol importanti x'jaqdi;	28. Jinnota li, skont il-President tal-Kummissjoni, id-distakk fl-infiq għad-difiża bħalissa huwa ta' EUR 500 biljun għad-deċennju li jmiss; jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni waħdu ma jistax jimla dan id-distakk, iżda ***jekk ikun ingranat aħjar, jista' jkollu*** rwol importanti x'jaqdi ***fl-iżblokkar ta' investiment pubbliku u privat addizzjonali u fiż-żieda fis-sħubiji pubbliċi-privati; iqis, fl-istess ħin, li dan m'għandux isir għad-detriment tal-infiq soċjali u ambjentali***;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jissottolinja l-importanza ta' bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea kompetittiva u reżiljenti u jqis li l-investiment konġunt fil-livell tal-UE fid-difiża jista' jiġġenera ekonomiji ta' skala, u b'hekk iffrankar sinifikanti għall-Istati Membri, u li dan jgħin biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tat-tagħmir u s-sistemi; jindika l-ħtieġa li l-appoġġ jiġi dirett lejn l-industrija tad-difiża fi ħdan l-Unjoni, u b'hekk jinħolqu impjiegi ta' kwalità li jirrikjedu ħiliet għolja;	29. Jissottolinja l-importanza ta' bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea kompetittiva u reżiljenti u jqis li l-investiment konġunt fil-livell tal-UE fid-difiża jista' jiġġenera ekonomiji ta' skala, u b'hekk iffrankar sinifikanti għall-Istati Membri, u li dan jgħin biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tat-tagħmir u s-sistemi; ***jissottolinja li, għal dan il-għan, l-UE jeħtieġ tinvesti f'teknoloġiji fixkiela ġodda li jiddefinixxu mill-ġdid il-paradigma l-ġdida tas-sigurtà u d-difiża; jitlob lill-Kummissjoni timmappja b'mod komprensiv l-isfidi għall-finanzjament tad-difiża u tippreżenta pakkett ta' miżuri leġiżlattivi u mhumiex li jsaħħu l-possibbiltajiet għall-finanzjament tal-industrija tad-difiża, li jibbenefikaw minnhom l-Istati Membri kollha b'mod ugwali, b'għotjiet imtejba għall-front tal-Lvant u għall-Istati Membri b'investiment akbar fid-difiża;*** jindika l-ħtieġa li l-appoġġ jiġi dirett lejn l-industrija tad-difiża fi ħdan l-Unjoni, u b'hekk jinħolqu impjiegi ta' kwalità li jirrikjedu ħiliet għolja; ***jissottolinja l-ħtieġa ta' ħidma li tibni fuq l-ekonomiji ta' skala billi jiġu ingranati sinerġiji fl-akkwist komuni u fl-ippjanar multiannwali;***

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jenfasizza li l-Unjoni jeħtieġ li żżid il-finanzjament għall-preparatezza b'mod ġenerali; jissottolinja li, minbarra l-isforzi biex jittaffa t-tibdil fil-klima permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika, huwa meħtieġ investiment sinifikanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari għall-protezzjoni kontra d-diżastri naturali	31. Jenfasizza li l-Unjoni jeħtieġ li żżid il-finanzjament għall-preparatezza b'mod ġenerali; Jissottolinja li, minbarra l-isforzi biex jittaffa t-tibdil fil-klima permezz tat-tranżizzjoni ekoloġika, huwa meħtieġ investiment sinifikanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima ***u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi potenzjali***, b'mod

u l-avvenimenti severi tat-temp u t-tnaqqis tal-impatt tagħhom; iqis li l-appoġġ għal dan l-għan irid jiżdied b'mod sinifikanti fil-QFP li jmiss;

partikolari għall-protezzjoni kontra d-diżastri naturali u l-avvenimenti severi tat-temp u t-tnaqqis tal-impatt tagħhom***; jissottolinja l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-reżiljenza tal-ilma tal-Ewropa, li minnu jiddependu l-ambjent, l-industrija u l-għajxien***; iqis li l-appoġġ għal dan l-għan irid jiżdied b'mod sinifikanti fil-QFP li jmiss;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jissottolinja li, b'bidla teknoloġika, sar aktar faċli għal atturi barranin malizzjużi u opportunistiċi li jxerrdu d-diżinformazzjoni, jinterferixxu fl-elezzjonijiet u jwettqu attakki ċibernetiċi kontra l-interessi tal-Unjoni; jinsisti li l-QFP li jmiss jinvesti f'ċibersigurtà msaħħa; jindika l-importanza tal-litteriżmu diġitali u medjatiku u l-ħsieb kritiku f'dan ir-rigward, u l-ħtieġa ta' appoġġ baġitarju kontinwu tal-Unjoni għal inizjattivi f'dawn l-oqsma;	33. Jissottolinja li, b'bidla teknoloġika, sar aktar faċli għal atturi barranin malizzjużi u opportunistiċi li jxerrdu d-diżinformazzjoni, jinterferixxu fl-elezzjonijiet u jwettqu attakki ċibernetiċi kontra l-interessi tal-Unjoni; jinsisti li l-QFP li jmiss ***irid*** jinvesti f'ċibersigurtà msaħħa ***u jipprovdi biżżejjed riżorsi għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-gwerra ibrida u tal-kampanji ta' diżinformazzjoni barranin u għall-ġlieda kontrihom***; jindika l-importanza tal-litteriżmu diġitali u medjatiku u l-ħsieb kritiku f'dan ir-rigward, u l-ħtieġa ta' appoġġ baġitarju kontinwu tal-Unjoni għal inizjattivi f'dawn l-oqsma;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jiddispjaċih għall-fatt li l-azzjoni esterna fil-QFP attwali ma ġietx iffinanzjata biżżejjed, u dan wassal għal rikors sinifikanti għal strumenti speċjali u għal tisħiħ sostanzjali fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu; jinnota, b'mod partikolari, li l-finanzjament tal-għajnuna umanitarja kien	36. Jiddispjaċih għall-fatt li l-azzjoni esterna fil-QFP attwali ma ġietx iffinanzjata biżżejjed, ***speċjalment fir-rigward tal-finanzjament għan-Nofsinhar Globali,*** u dan wassal għal rikors sinifikanti għal strumenti speċjali u għal tisħiħ sostanzjali fir-reviżjoni ta' nofs it-

tabilħaqq inadegwat, u dan wassal għall-użu spiss tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza;	terminu; jinnota, b'mod partikolari, li l-finanzjament tal-għajnuna umanitarja kien tabilħaqq inadegwat, u dan wassal għall-użu spiss tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza; ***jirrimarka li l-investiment fin-Nofsinhar Globali jista' jsaħħaħ l-ekonomiji kemm tal-pajjiżi donaturi kif ukoll tal-pajjiżi benefiċjarji;***

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid ikompli jindirizza l-aktar sfidi globali urġenti, millġlieda kontra t-tibdil fil-klima, salprovvista ta' għajnuna f'każ ta' diżastri naturali, l-iżgurar tas-sigurtà globali talikel, it-titjib tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza u t-tisħiħ tal-kompetittività u s-sigurtà talktajjen tal-provvista globali; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' appoġġ għall-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni;	37. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid ikompli jindirizza l-aktar sfidi globali urġenti, millġlieda kontra t-tibdil fil-klima ***u t-telf tal-bijodiversità***, sal-provvista ta' għajnuna f'każ ta' diżastri naturali, l-iżgurar tas-sigurtà globali tal-ikel, it-titjib tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza u t-tisħiħ tal-kompetittività***, il-ħolqien tal-impjiegi*** u s-sigurtà talktajjen tal-provvista globali; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' appoġġ għall-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jinsisti li, minħabba l-iskala talkriżijiet umanitarji u l-isfidi globali li qed jiżdiedu, il-finanzjament tal-għajnuna umanitarja jrid jissaħħaħ b'mod sinifikanti u jsir aktar prevedibbli fil-QFP li jmiss, u li l-użu tiegħu jrid jibqa' bbażat biss fuq il-ħtiġijiet;	39. Jinsisti li, minħabba l-iskala talkriżijiet umanitarji u l-isfidi globali li qed jiżdiedu, il-finanzjament tal-għajnuna umanitarja jrid jissaħħaħ b'mod sinifikanti u jsir aktar prevedibbli fil-QFP li jmiss, u li l-użu tiegħu jrid jibqa' bbażat biss fuq il-ħtiġijiet; ***jieħu nota tal-isfidi addizzjonali li jirriżultaw mid-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti li tirtira mir-responsabbiltajiet internazzjonali fir-rigward tal-Ftehim ta' Pariġi, l-***

	Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-għajnuna għall-iżvilupp, u jenfasizza li l-UE jeħtiġilha żżid l-isforzi tagħha, inkluż l-impenji finanzjarji, u tieħu rwol mexxej fil-governanza globali biex tappoġġja lin-nies u lir-reġjuni l-aktar vulnerabbli tad-dinja;

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jenfasizza li, f'kuntest li fih l-atturi globali qed jużaw dejjem aktar l-interdipendenza kummerċjali bħala mezz ta' koerċizzjoni ekonomika, l-Unjoni jeħtieġ li ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tipproteġi u tavvanza l-interessi strateġiċi tagħha stess, tiżviluppa għodod aktar robusti biex tiġġieled il-koerċizzjoni u tiżgura reċiproċità ġenwina fis-sħubijiet tagħha;	40. Jenfasizza li, f'kuntest li fih l-atturi globali qed jużaw dejjem aktar l-interdipendenza kummerċjali bħala mezz ta' koerċizzjoni ekonomika, l-Unjoni jeħtieġ li ssaħħaħ il-kapaċità tagħha li tipproteġi u tavvanza l-interessi strateġiċi tagħha stess, tiżviluppa għodod aktar robusti biex tiġġieled il-koerċizzjoni u tiżgura reċiproċità ġenwina fis-sħubijiet tagħha; ***jenfasizza li l-UE għandu jkollha fis-seħħ l-għodod baġitarji meħtieġa biex tiġġieled l-impatt ekonomiku li jista' jkollha kwalunkwe gwerra kummerċjali eventwali mas-sħab kummerċjali tradizzjonali tagħha;***

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jisħaq li l-appoġġ finanzjarju jrid ikun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-riformi u l-aderenza mal-valuri tal-Unjoni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' mudell ta' governanza b'saħħtu li jiżgura l-obbligu ta' rendikont, is-sorveljanza u l-kontroll parlamentari;	43. Jisħaq li l-appoġġ finanzjarju jrid ikun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-riformi u l-aderenza mal-valuri tal-Unjoni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' mudell ta' governanza b'saħħtu li jiżgura l-obbligu ta' rendikont, is-sorveljanza u l-kontroll parlamentari ***tal-għajnuna pprovduta***;

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jissottolinja li l-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni lill-Ukrajna jrid ikun distint mill-assistenza finanzjarja għar-rikostruzzjoni u l-irkupru ta' wara l-gwerra, fejn il-ħtiġijiet huma ħafna aktar sostanzjali u jirrikjedu sforz internazzjonali koordinat, li l-appoġġ għalih mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun parti importanti;	44. Jissottolinja li l-appoġġ ta' qabel l-adeżjoni lill-Ukrajna jrid ikun distint mill-assistenza finanzjarja għar-rikostruzzjoni u l-irkupru ta' wara l-gwerra, fejn il-ħtiġijiet huma ħafna aktar sostanzjali u jirrikjedu sforz internazzjonali koordinat, li l-appoġġ għalih mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun parti importanti; ***jemmen li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-potenzjal li l-assi ffriżati Russi jintużaw biex jappoġġjaw lill-Ukrajna fit-twettiq tal-impenji tagħha lejn l-UE;***

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Huwa konvint li l-klawżola ta' reviżjoni obbligatorja eżistenti fil-każ ta' tkabbir għandha tinżamm fil-qafas li jmiss; ***jisħaq li l-pakketti nazzjonali m'għandhomx jintlaqtu f'każ ta' tkabbir;*** jissottolinja li l-QFP li jmiss ***se jkollu jirriforma*** wkoll oqsma ewlenin ta' nfiq, ***bħall-koeżjoni*** u l-agrikoltura, u jippjana miżuri tranżizzjonali u ta' introduzzjoni gradwali xierqa;	45. Huwa konvint li l-klawżola ta' reviżjoni obbligatorja eżistenti fil-każ ta' tkabbir għandha tinżamm fil-qafas li jmiss; jissottolinja li l-QFP li jmiss ***għandu jimmira*** wkoll ***li jtejjeb*** oqsma ewlenin ta' nfiq, ***inkluż il-koeżjoni*** u l-agrikoltura, u jippjana miżuri tranżizzjonali u ta' introduzzjoni gradwali xierqa;

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
50. Jappella għall-konsolidazzjoni ta' sett ta' għodod robust tal-istat tad-dritt, li jibni fuq id-dispożizzjonijiet ta'	50. Jappella għall-konsolidazzjoni ta' sett ta' għodod robust ***u armonizzat*** tal-istat tad-dritt, li jibni fuq id-

kundizzjonalità attwali fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni; jissottolinja l-ħtieġa ta' trasparenza u konsistenza ħafna akbar fir-rigward tal-applikazzjoni ta' għodod għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u li r-rwol tal-Parlament jissaħħaħ fl-applikazzjoni u l-iskrutinju ta' tali miżuri; jinsisti, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa ta' konsistenza bejn l-istrumenti meta jiġi vvalutat il-ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;	dispożizzjonijiet ta' kundizzjonalità attwali fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni***[1a], kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju; jinsisti li s-sett ta' għodod għandu jkopri l-baġit kollu tal-UE u jiżgura li l-ebda wieħed mill-istrumenti użati ma jippermetti rigress u joħloq lakuni***; jissottolinja l-ħtieġa ta' trasparenza u konsistenza ħafna akbar fir-rigward tal-applikazzjoni ta' għodod għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u li r-rwol tal-Parlament jissaħħaħ fl-applikazzjoni u l-iskrutinju ta' tali miżuri***; jitlob l-introduzzjoni ta' klawżola ta' projbizzjoni ta' riżerva biex jiġi prevenut li r-riformi jitreġġgħu lura u biex jiġi żgurat li t-titjib ma jiġix revokat ladarba l-programm jiġi implimentat u ffinanzjat***; jinsisti, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa ta' konsistenza bejn l-istrumenti meta jiġi vvalutat il-ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
51. Ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jipprevedi li r-riċevituri finali ma għandhomx jiġu mċaħħda mill-benefiċċji tal-fondi tal-UE fil-każ li jiġu applikati sanzjonijiet lill-gvern tagħhom; jemmen li, sal-lum, din id-dispożizzjoni ma kinitx effettiva u jisħaq fuq l-importanza li jiġi applikat approċċ ta' kundizzjonalità intelliġenti sabiex il-benefiċjarji ma jiġux penalizzati minħabba l-azzjonijiet tal-gvern tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi addizzjonali biex tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u benefiċjarji oħra jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali mingħajr ma tiddgħajjef l-applikazzjoni tar-Regolament;	51. Ifakkar li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jipprevedi li r-riċevituri finali ma għandhomx jiġu mċaħħda mill-benefiċċji tal-fondi tal-UE fil-każ li jiġu applikati sanzjonijiet lill-gvern tagħhom; jemmen li, sal-lum, din id-dispożizzjoni ma kinitx effettiva u jisħaq fuq l-importanza li jiġi applikat approċċ ta' kundizzjonalità intelliġenti sabiex il-benefiċjarji ma jiġux penalizzati minħabba l-azzjonijiet tal-gvern tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi addizzjonali biex tiżgura li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u benefiċjarji oħra jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali mingħajr ma tiddgħajjef l-applikazzjoni tar-Regolament; ***jitlob, f'dan ir-rigward, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu simplifikat u aktar effiċjenti biex jiġi żgurat finanzjament dirett għall-bliet u l-komuni fil-QFP li jmiss;***

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
52. Jisħaq li baġit fit-tul li jkun allinjat bis-sħiħ mal-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni jirrikjedi li l-objettivi ewlenin jiġu integrati fil-baġit kollu permezz ta' sett ta' prinċipji orizzontali, li jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda mill-QFP attwali;	52. Jisħaq li baġit fit-tul li jkun allinjat bis-sħiħ mal-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni jirrikjedi li l-objettivi ewlenin jiġu integrati fil-baġit kollu permezz ta' sett ta' prinċipji orizzontali, li jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda mill-QFP attwali; ***jilqa', f'dan ir-rigward, il-Boxxla għall-Kompetittività proposta reċentement għall-UE sabiex jiġi salvagwardjat il-futur tal-UE bħala potenza ekonomika, destinazzjoni tal-investiment u ċentru tal-manifattura; jenfasizza l-importanza li l-baġit jiġi allinjat mal-objettivi stabbiliti fil-Boxxla għall-Kompetittività sabiex terġa' tinkiseb il-kompetittività tal-Ewropa u tiġi żgurata***

l-prosperità tagħha;

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jissottolinja, għalhekk, li l-QFP li jmiss irid jiżgura li, b'mod ġenerali, il-programmi ta' nfiq isegwu objettivi għall-klima u għall-bijodiversità, jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ***jappoġġaw*** il-kompetittività u jsaħħu l-preparatezza tal-Unjoni kontra t-theddid;	53. Jissottolinja, għalhekk, li l-QFP li jmiss irid jiżgura li, b'mod ġenerali, il-programmi ta' nfiq ***ikunu ffukati fuq innies,*** isegwu objettivi għall-klima u għall-bijodiversità, jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ***jappoġġjaw*** il-kompetittività u jsaħħu l-preparatezza tal-Unjoni kontra t-theddid***, filwaqt li jiżguraw ukoll li l-baġit ikun aktar sempliċi u aktar flessibbli sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirreaġixxu aħjar u aktar malajr b'reazzjoni għall-isfidi li qed jitfaċċaw***;

Emenda 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	56a. Jieħu nota, f'dan ir-rigward, tal-metodoloġija li qed tiġi żviluppata għar-rappurtar tal-finanzjament ekoloġiku;

Emenda 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	56b. Jemmen li, fid-dawl tal-ħtieġa tal-Ewropa li ssaħħaħ il-vantaġġ kompetittiv tagħha u ttejjeb l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha, l-integrazzjoni tal-kompetittività, id-difiża, u l-appoġġ għall-

	SMEs għandhom, tal-anqas, jiġu inklużi fil-FII; jitlob l-integrazzjoni ta' dawn l-aspetti fir-Regolament Finanzjarju biex jiġi żgurat li l-programmi ta' nfiq jikkontribwixxu b'mod sistematiku għat-trawwim tal-innovazzjoni, it-tishiħ tal-kompetittività globali tal-Ewropa, it-tishiħ tal-kapaċitajiet tad-difiża u l-appoġġ għat-tkabbir tal-SMEs;

Emenda 70

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	57a. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament robust, dedikat u mmirat għall-aġenziji tal-UE u l-persunal tagħhom biex jiżguraw ġestjoni finanzjarja u ekonomika effiċjenti tal-politiki tal-UE; jinnota li r-reklutaġġ tal-persunal xieraq f'dan il-livell ta' superviżjoni tal-UE huwa prerekwiżit essenzjali għat-twettiq tal-miri tal-politika miftiehma u għas-salvagwardja u għaż-żieda tal-livelli ta' investiment fl-UE; ifakkar, barra minn hekk, f'konformità mar-Rapport Speċjali 22/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-eżistenza tal-aġenziji eżistenti għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid fi stadji differenti biex tiġi ddeterminata l-ħtieġa u l-koerenza kontinwa tagħhom mal-azzjonijiet ta' aġenziji oħrajn; jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji billi tidentifika sinerġiji u tesplora aġġustamenti strutturali potenzjali, inklużi fużjonijiet fejn xieraq, b'reazzjoni għall-ħtiġijiet li qed jevolvu;

Emenda 71

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
60. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid jitfassal b'tali mod li jissimplifika ***l-ħajja tal-benefiċjarji***, jarmonizza r-regoli kull fejn ikun possibbli u jnaqqas il-burokrazija żejda u jrid jiġi implimentat kemm jista' jkun qrib in-nies;	60. Jisħaq li l-QFP li jmiss irid jitfassal b'tali mod li jissimplifika ***l-proċeduri għall-benefiċjarji***, jarmonizza r-regoli kull fejn ikun possibbli u jnaqqas il-burokrazija żejda u jrid jiġi implimentat kemm jista' jkun qrib in-nies ***sabiex tiżdied ir-rata ta' assorbiment; jemmen li, biex jiġi żgurat li kwalunkwe politika orizzontali potenzjali jew sforz ta' integrazzjoni stabbiliti għall-QFP jiġu implimentati b'mod effettiv u ma joħolqux kumplessità amministrattiva bla bżonn għar-riċevituri finali tal-fondi tal-Unjoni, l-implimentazzjoni speċifika għall-programm tagħhom għandha titħalla f'idejn il-leġiżlazzjoni settorjali; jitlob l-introduzzjoni ta' ġabra unika ta' regoli, b'sett uniformi ta' regoli finanzjarji, għall-programmi kollha tal-UE, biex tiffunzjona bħala qafas unifikat f'diversi programmi għal implimentazzjoni simplifikata għal sħab bħall-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), li jippermettilhom jiffukaw fuq objettivi differenti aktar milli definizzjonijiet diverġenti, mingħajr ma jdgħajfu l-għanijiet tal-proġetti u l-istandards rilevanti***;

Emenda 72

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
61. Jitlob simplifikazzjoni ġenwina fejn ikun hemm objettivi li jikkoinċidu, kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti u regoli differenti li jirregolaw aspetti li għandhom ikunu uniformi fil-programmi kollha; iqis li valutazzjoni ta' liema programmi ta' nfiq għandhom jiġu inklużi fil-QFP li jmiss trid tkun ibbażata fuq l-aspetti ta' hawn fuq, fuq il-ħtieġa li l-infiq jiġi ffukat fuq objettivi ta' politika identifikati b'mod ċar u fuq il-loġika ta' intervent ta' politika ta'	61. Jitlob simplifikazzjoni ġenwina fejn ikun hemm objettivi li jikkoinċidu, kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti u regoli differenti li jirregolaw aspetti li għandhom ikunu uniformi fil-programmi kollha; ***jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li l-ostakli burokratiċi jiġu ssimplifikati u indirizzati aktar filwaqt li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-SMEs;*** iqis li valutazzjoni ta' liema programmi ta' nfiq għandhom jiġu inklużi fil-QFP li jmiss trid tkun ibbażata fuq l-

kull programm;	aspetti ta' hawn fuq, fuq il-ħtieġa li l-infiq jiġi ffukat fuq objettivi ta' politika identifikati b'mod ċar u fuq il-loġika ta' intervent ta' politika ta' kull programm;

Emenda 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 61a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	61a. Jissottolinja li s-simplifikazzjoni jenħtieġ li titfassal primarjament biex tnaqqas il-kumplessità, id-dewmien fl-implimentazzjoni u l-piż tar-rapportar għall-benefiċjarji finali u l-implimentaturi, b'mod partikolari l-benefiċjarji iżgħar; jiddispjaċih li l-innovazzjoni qed tixxekkel mill-piż amministrattiv sproporzjonat u d-dewmien għall-intrapriżi start-up u l-SMEs; jemmen li l-użu ta' klawżoli de minimis u l-implimentazzjoni stretta tal-prinċipju ta' darba biss għar-rappurtar huma meħtieġa biex jiġi sfruttat aktar il-potenzjal tal-innovaturi Ewropej; jitlob inizjattiva biex jitħaffu l-proċeduri amministrattivi għall-intrapriżi start-up u għall-SMEs; itenni li tali simplifikazzjoni m'għandhiex tkun għad-detriment tal-kontrolli suffiċjenti, tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tat-trasparenza;

Emenda 74

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 61b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	61b. Jesprimi tħassib serju dwar il-konklużjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-rapport tagħha tal-2024, li r-rata ta' żball fl-infiq tal-UE żdiedet għal 5.6 % tal-baġit ġenerali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra bir-reqqa s-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u

	timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kemm mir-rapporti annwali kif ukoll mir-rapporti speċjali tagħha, biex ittejjeb l-effiċjenza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-infiq bażitarju tal-UE;

Emenda 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
62. Jinsisti li bażit aktar sempliċi jeħtieġ ikun ukoll bażit aktar trasparenti, li jippermetti kontroll aħjar tal-infiq u jnaqqas ir-riskji ta' finanzjament doppju; jissottolinja li kwalunkwe tnaqqis fil-programmi jrid jiġi kkumpensat minn tqassim ferm aktar dettaljat tal-bażit skont il-linja bażitarja, b'kuntrast ma' xi fużjonijiet tal-programmi fil-QFP attwali, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali), li huwa eżempju li ma għandux jiġi segwit; jappella, għalhekk, għal tqassim dettaljat biżżejjed skont il-linja bażitarja biex jippermetti obbligu ta' rendikont xieraq u jiżgura li t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċedura bażitarja annwali jkun sinifikanti;	62. Jinsisti li bażit aktar sempliċi jeħtieġ ikun ukoll bażit aktar trasparenti, li jippermetti kontroll aħjar tal-infiq u jnaqqas ir-riskji ta' finanzjament doppju; jissottolinja li kwalunkwe tnaqqis fil-programmi jrid jiġi kkumpensat minn tqassim ferm aktar dettaljat tal-bażit skont il-linja bażitarja, b'kuntrast ma' xi fużjonijiet tal-programmi fil-QFP attwali, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali), li huwa eżempju li ma għandux jiġi segwit; jappella, għalhekk, għal tqassim dettaljat biżżejjed skont il-linja bażitarja biex jippermetti obbligu ta' rendikont xieraq u jiżgura li t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċedura bażitarja annwali jkun sinifikanti; ***jinsisti li r-rieżamijiet tal-prestazzjoni u d-diskussjonijiet bażitarji jridu jkunu trasparenti, u li l-informazzjoni tkun aċċessibbli għall-pubbliku;***

Emenda 76

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 62a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	62a. Jitlob li l-istrumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni jiġu kkumplimentati minn rekord tal-awditjar uniku biex jiġu

	ntraċċati l-kontribuzzjonijiet baġitarji għall-proġetti ffinanzjati u għar-riċevituri finali, jiġifieri l-entitajiet privatili jibbenefikaw minn akkwist pubbliku jew programmi; jissottolinja l-ħtieġa ta' awditjar fil-livell tal-proġetti biex jittaffew ir-riskji għar-reputazzjoni f'għajnejn il-pubbliku ġenerali; jenfasizza l-benefiċċju miżjud tat-tikkettar pubbliku ta' proġetti ffinanzjati mill-UE; jissottolinja l-ħtieġa li jitnaqqsu l-konġestjonijiet amministrattivi u l-piżijiet burokratiċi li qegħdin jiżdiedu; jissottolinja li r-rimborżi jistgħu jkunu bbażati fuq kalkolu tal-kostijiet indikattiv, jekk l-istandards tat-trasparenza u tal-awditjar għall-infiq attwali jkunu disponibbli pubblikament ex-post; jenfasizza l-ħtieġa li r-riformi u l-investimenti jiġu konnessi biex jinkisbu bidliet strutturali fit-tul; jitlob metodoloġija ċara għat-twettiq parzjali tal-objettivi intermedji u tal-objettivi intermedji fis-sottolivelli;

Emenda 77

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 63a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	63a. Jinnota li l-Kummissjoni hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit u li ħafna fondi b'ġestjoni kondiviża huma implimentati mill-Istati Membri; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza ta' sistema robusta ta' korrezzjonijiet finanzjarji li jippermettu intervent f'każ ta' nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri; jenfasizza li sistema bħal din trid tkun deterrent biżżejjed;

Emenda 78

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 67a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	67a. Jinnota li programmi u proġetti differenti jista' jkollhom skedi ta' żmien differenti biex jiġu implimentati; iwissi kontra obbligi amministrattivi tqal wisq assoċjati mat-tibdil ta' tali programmi jew proġetti; jissottolinja l-ħtieġa ta' flessibbiltà tal-baġit biex jiġu koperti ħtiġijiet li qed jevolvu;

Emenda 79

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
68. Jitlob riforma radikali tal-istrumenti speċjali eżistenti biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' reazzjoni għall-kriżijiet; jissottolinja li l-istrumenti attwali huma kemm inadegwati fid-daqs kif ukoll ristretti minn riġidità eċċessiva, b'diversi minnhom effettivament delimitati skont it-tip ta' kriżi; jirrimarka li kapaċità msaħħa ta' rispons għall-kriżijiet se tiżgura li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni ma jintużawx għal dak l-għan u għalhekk jistgħu jintużaw għall-objettivi ta' investiment intenzjonati tagħhom;	68. Jitlob riforma radikali tal-istrumenti speċjali eżistenti biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' reazzjoni għall-kriżijiet; jissottolinja li l-istrumenti attwali huma kemm inadegwati fid-daqs kif ukoll ristretti minn riġidità eċċessiva, b'diversi minnhom effettivament delimitati skont it-tip ta' kriżi; jirrimarka li kapaċità msaħħa ta' rispons għall-kriżijiet ***u flessibbiltà fir-rieżami tal-programmi nazzjonali fil-każ ta' xokkijiet asimmetriċi*** se tiżgura li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni ma jintużawx għal dak l-għan u għalhekk jistgħu jintużaw għall-objettivi ta' investiment intenzjonati tagħhom;

Emenda 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 68a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	68a. Ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ħadet post il-proposti dwar l-Istrument Baġitarju għall-Kompetittività u l-Konverġenza (BICC) u dwar il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi 2021–2027 (RSP); jenfasizza l-fatt li koordinazzjoni fiskali effettiva fost l-Istati

	Membri tal-UE tibqa' vitali, wara l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, biex tiġi implimentata orjentazzjoni fiskali xierqa;

Emenda 81

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	68b. Jenfasizza l-fatt li l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE żguraw stabbilizzazzjoni makroekonomika fil-livell tal-UE fil-kontront ta' kriżijiet multipli mill-2019, filwaqt li stabbilixxewparzjalment il-baġit taż-żona tal-euro, u anke saħħew ir-reżiljenza interna u esterna u appoġġjaw lill-Istati Membri fil-finanzjament ta' investiment essenzjali u strateġiku fl-Unjoni;

Emenda 82

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	68d. Jitlob strumenti u għodod tal-investiment fil-livell tal-UE mfassla biex jimminimizzaw il-kost għall-kontribwenti tal-UE u jimmassimizzaw l-effiċjenza fil-provvista tal-beni pubbliċi fl-UE;

Emenda 83

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
69. ***Iqis*** li l-QFP ta' wara l-2027 ***għandu*** jinkludi ***biss żewġ*** strumenti speċjali – wieħed iddedikat biex tiġi żgurata s-solidarjetà fil-każ ta' diżastri	69. ***Jenfasizza l-ħtieġa*** li l-QFP ta' wara l-2027 jinkludi ***anqas*** strumenti speċjali***, pereżempju,*** wieħed iddedikat biex tiġi żgurata s-solidarjetà fil-każ ta'

naturali (is-suċċessur tar-Riżerva Ewropea ta' Solidarjetà eżistenti) u wieħed għar-rispons għall-kriżijiet bi skop ġenerali (is-suċċessur tal-Istrument ta' Flessibbiltà); jinsisti li ż-żewġ strumenti speċjali għandhom ikunu ffinanzjati b'mod adegwat mill-bidu nett u jkunu jistgħu jittrasferixxu ammonti mhux minfuqa b'mod indefinit matul il-perjodu tal-QFP; ***jemmen li l-istrumenti speċjali l-oħra kollha jistgħu jiġu stralċati jew inklużi fiż-żewġ strumenti speċjali jew fi programmi eżistenti;***	diżastri naturali (is-suċċessur tar-Riżerva Ewropea ta' Solidarjetà eżistenti) u wieħed għar-rispons għall-kriżijiet bi skop ġenerali (is-suċċessur tal-Istrument ta' Flessibbiltà); jinsisti li ż-żewġ strumenti speċjali għandhom ikunu ffinanzjati b'mod adegwat mill-bidu nett u jkunu jistgħu jittrasferixxu ammonti mhux minfuqa b'mod indefinit matul il-perjodu tal-QFP;

Emenda 84

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 72

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
72. Jenfasizza li, sabiex jiġi massimizzat l-impatt, huwa imperattiv li l-infiq taħt il-QFP li jmiss ikun allinjat b'mod ħafna aktar rigoruż mal-għanijiet ta' politika strateġika tal-Unjoni u jkun ikkoordinat bir-reqqa mal-infiq fil-livell nazzjonali;	72. Jenfasizza li, sabiex jiġi massimizzat l-impatt, huwa imperattiv li l-infiq taħt il-QFP li jmiss ikun allinjat b'mod ħafna aktar rigoruż mal-għanijiet ta' politika strateġika tal-Unjoni u jkun ikkoordinat bir-reqqa mal-infiq fil-livell nazzjonali; ***jirrimarka, għalhekk, li l-prijoritajiet strateġiċi tal-politiki tal-Unjoni u l-ispeċifiċitajiet lokali jeħtiġilhom ikunu bbilanċjati; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, huwa kruċjali għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe approċċ nazzjonali għall-QFP li jmiss;***

Emenda 85

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 72a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	72a. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka aktar mill-qrib fuq ir-riżultati u l-eżiti fil-QFP ta' wara l-2027, flimkien mal-

outputs u l-kostijiet, u tagħmel enfasi akbar fuq il-valur miżjud transfruntier Ewropew;

Emenda 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
73. Iqis li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, bl-enfasi tagħha fuq il-prestazzjoni u r-rabtiet bejn ir-riformi u l-investimenti u l-appoġġ baġitarju, għenet biex tixpruna l-investimenti u r-riformi nazzjonali li kieku ma kinux iseħħu;	73. Iqis li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, bl-enfasi tagħha fuq il-prestazzjoni u r-rabtiet bejn ir-riformi u l-investimenti u l-appoġġ baġitarju, għenet biex tixpruna l-investimenti u r-riformi nazzjonali li kieku ma kinux iseħħu; ***jitlob valutazzjoni dettaljata meħtieġa tal-impatt veru fuq it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi tar-riformi u l-investimenti fl-ambitu ta' dan il-Mekkaniżmu, kemm għall-UE kollha kemm hi kif ukoll għal kull wieħed mill-Istati Membri; jitlob, f'dan ir-rigward, li jinsiltu tagħlimiet min-nuqqasijiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jenfasizza li strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni għandhom jiġu mfassla primarjament abbażi tar-riżultati u l-impatti, aktar milli fuq sempliċi outputs; jitlob pjan ta' ripagament dettaljat għal dan l-istrument;***

Emenda 87

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 74

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
74. Jissottolinja li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ***tista' tgħin biex tinforma t-twettiq tal-infiq tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża***; ifakkar, madankollu, li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ntlaħaq qbil dwarha fil-kuntest speċifiku ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 ***u***, ***għalhekk***, ***ma tistax tiġi replikata fil-livell tal-operaturi għal programmi ta'***	74. Jissottolinja li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ***toffri tagħlimiet siewja dwar l-ingranaġġ tal-investiment pubbliku***; ifakkar, madankollu, li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ntlaħaq qbil dwarha ***bħala strument temporanju*** fil-kuntest speċifiku ħafna tal-pandemija tal-COVID-19***; jinnota li***, ***sa ċertu punt***, ***il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***

investiment futuri;	***naqset milli tiffinanzja l-investiment fi proġetti Ewropej komuni***;

Emenda 88

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
75. ***Jirrimarka li kwalunkwe applikazzjoni ta' mudell ta' implimentazzjoni tat-tip Faċilità*** għall-Irkupru u r-Reżiljenza ***(RRF) fil-QFP*** li ***jmiss ikollha tikkoreġi n-nuqqasijiet fundamentali tal-RRF, billi jiġu involuti*** l-awtoritajiet reġjonali u lokali mit-tfassil sat-twettiq permezz ta' approċċ ta' governanza bbażata fuq il-post u f'diversi livelli, ***tiġi żgurata d-dimensjoni*** transfruntiera tal-proġetti ta' investiment, ***isir fokus*** fuq ir-riżultati u l-impatt aktar milli fuq l-outputs, ***tiġi garantita*** trasparenza sħiħa fir-rigward tar-riċevituri finali tal-infiq tal-Unjoni u ***jiġi salvagwardjat*** ir-rwol tal-Parlament bħala leġiżlatur, awtorità baġitarja u ta' kwittanza u ***billi*** l-eżekuttiv ***jinżamm responsabbli***;	75. ***Jieħu nota tan-nuqqasijiet fundamentali tal-Faċilità*** għall-Irkupru u r-Reżiljenza***, pereżempju,*** li ***ma nvolvietx*** l-awtoritajiet reġjonali u lokali mit-tfassil sat-twettiq permezz ta' approċċ ta' governanza bbażata fuq il-post u f'diversi livelli, ***ma żguratx id-dimensjoni*** transfruntiera tal-proġetti ta' investiment ***b'effetti sekondarji pożittivi u valur miżjud Ewropew b'saħħtu***, ***ma żviluppatx metodoloġija ċara għall-objettivi intermedji, miri u żboroż, ma ffukatx*** fuq ir-riżultati u l-impatt aktar milli fuq l-outputs, ***ma wettqitx valutazzjonijiet tal-impatt tar-riformi u l-investiment fl-ambitu ta' dawn il-fondi, ma żguratx rekord tal-awditjar uniku, ma ggarantietx definizzjoni komuni u*** trasparenza sħiħa fir-rigward tar-riċevituri finali tal-infiq tal-Unjoni u ***ma ssalwagwardjatx*** ir-rwol tal-Parlament bħala leġiżlatur, awtorità baġitarja u ta' kwittanza u ***bħala awtorità li żżomm*** l-eżekuttiv ***responsabbli; jirrimarka li s-sjieda ta' livell għoli mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali hija essenzjali għall-iżgurar tal-assorbiment b'suċċess tal-finanzjament tal-UE;***

Emenda 89

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 75a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75a. Ifakkar li huwa biss permezz tal-implimentazzjoni rapida, trasparenti u effettiva tal-Faċilità għall-Irkupru u r-

	Reżiljenza mill-Istati Membri, kif ukoll tat-twettiq tal-objettivi intermedji u tal-objettivi fl-iskadenzi miftiehma, li dawn il-fondi se jkollhom l-impatt imwiegħed u mistenni fuq il-PDG tal-Unjoni u ta' kull wieħed mill-Istati Membri tagħha; jenfasizza li s-suċċess tagħhom se jiddependi fuq il-mobilizzazzjoni rapida u effettiva tal-fondi fl-ekonomija reali, fis-setturi produttivi u fil-kumpaniji;

Emenda 90

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	75b. Jappella għal baġit aktar risponsiv b'titjib tal-mekkaniżmi ta' feedback bejn l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u t-tfassil jew l-aġġustament tal-programmi, bis-saħħa ta' kejl aħjar u d-disponibbiltà aħjar tad-data; jenfasizza l-ħtieġa għat-tixrid aħjar tal-prattiki tajba fost il-programmi u l-Istati Membri; jinsisti li baġit aktar effettiv jeħtieġ valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi fuq programmi multipli;

Emenda 91

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 77a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	77a. Jinnota bi tħassib li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż qed isiru dejjem aktar importanti fl-arkitettura ekonomika u baġitarja tal-Unjoni maż-żmien, u li l-mekkaniżmi marbuta mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jew kwalunkwe żieda fis-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, għandhom ikunu akkumpanjati minn responsabbiltà

demokratika akbar;

Emenda 92

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 78

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
78. ***Jissottolinja*** li, sal-lum, il-baġit tal-Unjoni kien meħtieġ biss li jħallas lura l-imgħax relatat ***mal-NGEU*** u li, mill-2028 ’il quddiem, il-baġit se jkollu jħallas lura l-kapital ***ukoll***; jissottolinja li l-kostijiet totali għar-ripagamenti tal-kapital u tal-imgħax tan-Next Generation EU huma pproġettati li jkunu madwar EUR 20-30 biljun fis-sena mill-2028;	78. ***Jinnota*** li, sal-lum, il-baġit tal-Unjoni kien meħtieġ biss li jħallas lura l-imgħax relatat ***man-Next Generation EU*** u li, mill-2028 ’il quddiem, il-baġit se jkollu ***wkoll jibda*** jħallas lura l-kapital; jissottolinja li l-kostijiet totali għar-ripagamenti tal-kapital u tal-imgħax tan-Next Generation EU huma pproġettati li jkunu madwar EUR 20-30 biljun fis-sena mill-2028; ***jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta pjan għal approċċ effettiv għall-istadju finali tal-programm NGEU, li se jiżgura l-użu effettiv tal-fondi, skrutinju robust tal-implimentazzjoni u trasparenza akbar rigward il-benefiċjarji finali; jinnota li l-piż tad-dejn ikbar jagħmel il-baġit tal-Unjoni aktar vulnerabbli għal żidiet fir-rati tal-imgħax u jista’ jwassal għal kapaċità mnaqqsa ta’ rispons għal sfidi futuri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tesplora għażliet biex tnaqqas il-piż ġenerali tad-dejn;***

Emenda 93

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 82

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
82. Jissottolinja li, kif deskritt hawn fuq, il-ħtiġijiet baġitarji ta’ wara l-2027 se jkunu ferm ogħla mill-ammonti allokati għall-QFP 2021-2027; jinsisti, għalhekk, li l-Unjoni se tkun tista’ tindirizza l-isfidi sinifikanti li qed tiffaċċja u tilħaq l-objettivi ta’ politika tagħha biss jekk il-QFP li jmiss ikollu r-riżorsi meħtieġa biex jissodisfa ***l-ħtiġijiet baġitarji*** li ***qed***	82. Jissottolinja li, kif deskritt hawn fuq, il-ħtiġijiet baġitarji ta’ wara l-2027 se jkunu ferm ogħla mill-ammonti allokati għall-QFP 2021-2027; jinsisti, għalhekk, li l-Unjoni se tkun tista’ tindirizza l-isfidi sinifikanti li qed tiffaċċja u tilħaq l-objettivi ta’ politika tagħha biss jekk il-QFP li jmiss ikollu r-riżorsi meħtieġa biex jissodisfa ***l-isfidi tal-Unjoni; jissottolinja l-***

jiżdiedu;	***ħtieġa ta' evalwazzjoni bir-reqqa tan-nefqa u bilanċ baġitarju b'saħħtu; jissottolinja l-isfidi reġjonali ekonomiċi, soċjali u tas-sigurtà speċifiċi li jeħtieġ li jiġu riflessi fil-QFP futur; jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata konverġenza soċjoekonomika 'l fuq fi ħdan l-UE***;

Emenda 94

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 83

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
83. Iqis li l-istrumenti u l-għodod kollha għandhom jiġu esplorati sabiex l-Unjoni tiġi pprovduta b'dawk ir-riżorsi, f'konformità mal-prijoritajiet u l-ħtiġijiet identifikati tagħha;	83. Iqis li l-istrumenti u l-għodod kollha għandhom jiġu esplorati sabiex l-Unjoni tiġi pprovduta b'dawk ir-riżorsi, f'konformità mal-prijoritajiet u l-ħtiġijiet identifikati tagħha; ***jissottolinja li, f'din il-kwistjoni, l-UE jeħtiġilha timmobilizza riżorsi proprji ġodda, wara li twettaq valutazzjoni tal-impatt;***

Emenda 95

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 84a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	84a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament adegwat fil-QFP li jmiss; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda li jissodisfaw il-kriterji ta' sempliċità, trasparenza, prevedibbiltà u ġustizzja, wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa biex jiġi żgurat approċċ ġust u bbilanċjat għall-Istati Membri kollha, hija mezz essenzjali ta' finanzjament tal-prijoritajiet tal-UE; iqis għalhekk li huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-koordinazzjoni dwar kwistjonijiet ta' tassazzjoni u dazji, anke fil-livell tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi; jinnota l-ħtieġa ta' allokazzjoni ġusta u proporzjonata bejn il-kontribuzzjonijiet nazzjonali u l-infiq tal-UE għall-oqsma

	ta' politika relatati mal-beni pubbliċi Ewropej;

Emenda 96

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 85

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
85. Ifakkar fl-appoġġ tiegħu għall-proposta emendata tal-Kummissjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji; jistieden lill-Kunsill jadottaha bħala kwistjoni ta' urġenza; jindika, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġu esplorati riżorsi proprji ġodda innovattivi u ġenwini addizzjonali, sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' nfiq akbar;	85. Ifakkar fl-appoġġ tiegħu għall-proposta emendata tal-Kummissjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji; ***itenni li l-wegħda ta' riżorsi proprji ġodda kienet kundizzjoni għall-ftehim dwar in-Next Generation EU u jirrimarka li n-nuqqas ta' riżorsi proprji ġodda se jpoġġi pressjoni konsiderevoli fuq il-baġit tal-Unjoni fid-dawl tal-obbligi ta' rifinanzjament fl-ambitu tan-Next Generation EU; itenni l-ħtieġa ta' valutazzjoni bir-reqqa minn qabel, biex jiġi żgurat approċċ ġust u bbilanċjat;*** jistieden lill-Kunsill jadottaha bħala kwistjoni ta' urġenza; jindika, barra minn hekk, il-ħtieġa li***, wara valutazzjoni tal-impatt,*** jiġu esplorati riżorsi proprji ġodda innovattivi u ġenwini addizzjonali, sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' nfiq akbar; ***jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu d-dħul ġenerali mill-VAT billi jiġġieldu l-frodi, itejbu l-effiċjenza, jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku u jmexxu d-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jiżguraw li l-bidliet fir-rati tal-VAT jew l-eżenzjonijiet ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat lill-Istati Membri b'restrizzjonijiet ġeografiċi uniċi; jistieden lill-Kunsill biex jiżgura li kwalunkwe żieda fil-kontribuzzjoni tal-VAT 'il fuq mir-rata attwali ta' 0,3 % tibqa' proporzjonali mal-PDG u tammonta għal limitazzjonijiet ġeografiċi, filwaqt li tissalvagwardja l-ġustizzja għal Stati Membri iżolati jew ġeografikament żvantaġġati;***

Emenda 97

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 86a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	86a. Jenfasizza l-inċertezza kontinwa rigward il-ħlas lura tal-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU, peress li ma ntlaħaqx qbil dwar pjan ta' ripagament;

Emenda 98

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 91

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
91. Jistenna li l-Kummissjoni, bħala parti mill-pakkett tal-proposti tal-QFP, tressaq FII ġdid f'konformità mar-realtajiet tal-baġit il-ġdid, inkluż fir-rigward tal-ġestjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti;	91. Jistenna li l-Kummissjoni, bħala parti mill-pakkett tal-proposti tal-QFP, tressaq FII ġdid f'konformità mar-realtajiet tal-baġit il-ġdid, inkluż fir-rigward tal-ġestjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti***, u l-integrazzjoni tal-kompetittività, l-SMEs u d-difiża***;

Emenda 99

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 91a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	91a. Jisħaq fuq l-importanza tal-iskrutinju parlamentari tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni fl-ambitu tal-QFP u tal-konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni:

Entità u/jew persuna
European Commission - DG BUDG
European Commission - Secretariat General
Institut Jacques Delors
European Commission - DG ECFIN
European Commission - Secretariat General REFORM
ECA
EIB
Climate Strategy

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	31.3.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 37 - : 10 0 : 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Georgios Aftias, Rasmus Andresen, Francisco Assis, René Aust, Stefan Berger, Damian Boeselager, Gilles Boyer, Giovanni Crosetto, Fabio De Masi, Engin Eroglu, Marco Falcone, Markus Ferber, Jonás Fernández, Claire Fita, Dirk Gotink, Enikő Győri, Michalis Hadjipantela, Eero Heinäluoma, Billy Kelleher, Tomáš Kubín, Aurore Lalucq, Rada Laykova, Siegfried Mureşan, Fernando Navarrete Rojas, Denis Nesci, Luděk Niedermayer, Ľudovít Ódor, Nikos Papandreou, Gaetano Pedulla', Kira Marie Peter-Hansen, Pierre Pimpie, Friedrich Pürner, Evelyn Regner, René Repasi, Jussi Saramo, Paulius Saudargas, Marie Toussaint, Anouk Van Brug, Lara Wolters, Roberts Zīle
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Paolo Borchia, Regina Doherty, Gerben-Jan Gerbrandy, Antonio López-Istúriz White, Angelika Winzig
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Reinis Pozņaks, Sebastiaan Stöteler, Roberto Vannacci

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

37	+
ECR	Crosetto Giovanni, Nesci Denis, Poznaks Reinis, Zile Roberts
PPE	Aftias Georgios, Berger Stefan, Doherty Regina, Falcone Marco, Ferber Markus, Gotink Dirk, Hadjipantela Michalis, López-Istúriz White Antonio, Muresan Siegfried, Navarrete Rojas Fernando, Niedermayer Ludek, Saudargas Paulius, Winzig Angelika
Renew	Boyer Gilles, Eroglu Engin, Gerbrandy Gerben-Jan, Kelleher Billy, Ódor Ludovít, Van Brug Anouk
S&D	Assis Francisco, Fernández Jonás, Fita Claire, Heinäluoma Eero, Lalucq Aurore, Papandreou Nikos, Regner Evelyn, Repasi René, Wolters Lara
The Left	Saramo Jussi
Verts/ALE	Andresen Rasmus, Boeselager Damian, Peter-Hansen Kira Marie, Toussaint Marie

10	-
ESN	Aust René, Laykova Rada
NI	De Masi Fabio, Pürner Friedrich
PfE	Borchia Paolo, Gyori Eniko, Kubín Tomás, Pimpie Pierre, Stöteler Sebastiaan, Vannacci Roberto

1	0
The Left	Pedulla' Gaetano

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni